Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 333/2010AE

**Suzanne Rossi u Claudia Dalli li jiggestixxu d-ditta Modelle International bhala organizzaturi tal-konkors Miss World-Malta**

**Vs**

**Angelique Galea**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu 2016.

Permezz ta' rikors prezentat fis-17 ta' Settembru 2010, l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma ta' sitt elef ewro (€6,000) bhala danni pre-likwidati peress li giet eskluza mill-konkors Miss World, Malta 2010 ghaliex naqset milli tattendi u tippartecipa fl-attivitajiet li kellhom iwasslu ghal dak l-avveniment.

**<u>Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), tal-14 ta' Frar 2014.</u>**

L-ewwel qorti cahdet it-talba tal-appellanti wara li qieset li l-kundizzjoni medika tal-appellata kien jinkwadra ruhu fid-definizzjoni ta' forza magguri kif stabbilit fl-Artikolu 1134 tal-Kodici Civili:

*"Id-debitur mhux obbligat ghad-danni jekk hu ma setax jaghti jew jaghmel il-haga li obbliga ruhu li jaghti jew li jaghmel jew ghamel il-haga li ma kellux jaghmel minhabba forza magguri jew minhabba accident".*

Il-qorti osservat ukoll li ghalkemm mill-provi rrizulta li l-appellata kompliet bl-istudji taghha u ghamlet l-ezamijiet, qalet li l-kundizzjoni medika li rrizultat lil Dr Zarb giet abbinata mal-attivita f'kompetizzjoni ta' sbuhija; *"Tali kundizzjoni, jidher car, hija konnessa intrinsikament mal-kompetizzjoni illi r-rikorrenti organizzaw, u ghalhekk ma ghandu jkun [hemm] ebda raguni ghaliex il-Qorti ghandha tiddubita mill-veracita' tac-certifikat mediku ghax attendiet ghall-ezamijiet fl-istess perjodu".*

L-atturi (appellanti) appellaw mis-sentenza.

**<u>Fatti.</u>**

1. Fil-5 ta' Jannar 2010 l-partijiet iffirmaw kuntratt, sabiex l-appellata tkun wahda mill-partecipanti f'*The Miss World – Malta 2010 contest*.
2. F'xi zmien l-appellata bdiet tfalli l-laqghat li kienu qeghdin isiru ghall-partecipanti minn zmien ghall-iehor.
3. L-appellata kienet ipprezentat certifikat mediku lill-appellanti Rossi datat 30 ta' April 2010, fejn jinghad: *"This is to certify that this patient is suffering from acute panic attacks, a depression and bullaemia since when she submitted her application for Miss World Malta. She needs to retreat her application from the competitions as this is being detrimental to her mental health".*

4. L-appellanti jippretendu s-somma ta' €6,000 bhala penali, prezumibilment a bazi tal-klawzola (6) tal-kuntratt li taqra: *"Furthermore, in the event that a participant is excluded from the contest prior to or during the final night of the contest by the Organizers for being a material breach of any of the conditions stipulated in the preceding Clause Five (5) of this Agreement, said participant shall be liable to pay the organizers a penalty in the sum of six* (recte, thousand) *Euros (€6,000) which penalty is being imposed by way of pre-liquidated damages ……"*. Jidher li ladarba ma komplietx tattendi ghal laqghat, l-appellanti jsostnu li l-appellata kisret l-obbligu kuntrattwali *"a. to attend punctually all rehearsals, meetings and events which may be called by the organizers"*.

**Aggravju**.

L-aggravju tal-appellanti hu:

i. Il-kundizzjoni li l-appellata qalghet li kienet qeghda tbati minnha, setghet kienet minhabba stress tal-istudji u ezamijiet li kienet qeghda taghmel;
ii. Dak li xehed it-tabib Dr Christopher Zarb, m'huwiex kredibbli. Ma jistax ikun li l-appellata kompliet bl-istudji imma biex tippartecipa fil-kuntest ma setatx;
iii. Il-kundizzjoni medika li allegat l-appellata, ma kienet xejn ghajr skuza fjakka sabiex tahrab mill-obbligi kuntrattwali;

**Twegiba**.

L-appellata wiegbet li s-sentenza tal-ewwel qorti kienet gusta u ghalhekk ghandha tigi kkonfermata.

**Konsiderazzjoni**.

1. L-appell hu bazat fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel qorti. Hu maghruf li din il-qorti ma tiddisturbax tali apprezzament jekk mhux ghal ragunijiet gravi.

2. L-uniku prova xjentifika li kellha quddiemha l-ewwel qorti kienet id-deposizzjoni ta' Dr Christopher Zarb (fol. 130). Il-qorti ma ssibx raguni ghalfejn l-ewwel qorti kellha tiskarta dak li xehed Dr Zarb, kif jidher li l-appellati jippretendu li kellu jsir. Hu evidenti li kien fuq parir mediku tieghu li l-appellata ma komplitx tattendi ghal-laqghat u attivitajiet li kienu qeghdin jigu organizzati mill-appellanti; *"Jiena l-ewwel darba li giet kont ghidtilha biex ma toqghodx tinkwieta u forsi bil-pilloli jghaddilha u tigi ghall-ahjar. Imma meta rajtha t-tieni darba u kienet fi stat ferm aghar milli kienet qabel, jiena rrakomandajtilha, kif gia ghidt, illi titlaq mill-beauty contest u jien offrejtilha li naghmlilha c-certifikat sabiex tkun tista' tohrog"* (fol. 131). Fil-kors tad-deposizzjoni Dr Zarb ma wera l-ebda ezitazzjoni f'dak li qal, u ghamilha cara li skond hu l-kundizzjoni medika li kellha l-appellata kienet *"minhabba l-beauty contest"* (fol. 131). Il-qorti hi tal-fehma li meta tqies dak li xehed Dr Zarb, l-

ewwel qorti kellha kull dritt li tasal ghal konkluzjoni li fil-fatt waslet ghaliha. A bazi ta' din il-prova, l-appellata tat prova li ma kinitx f'kundizzjoni li twettaq l-obbligazzjoni taghha minhabba raguni ta' mard li fuqu ma kellhiex kontroll. Ghalkemm jidher li l-appellanti jipproponu li l-opinjoni medika kellha tkun ta' persuna specjalizzata fil-qasam u mhux *general practitioner*, il-qorti m'hijiex konvinta minn dan l-argument. Ma tressqet l-ebda prova xjentifika li l-kundizzjoni li kienet qegha tbati minha l-appellata, ma tistax tigi kkurata fi stadju ta' *primary care*. Fil-fatt fil-kaz tal-appellata hekk gara u jidher li l-kura tat-tabib Dr Zarb tat ir-rizultat mixtieq.

3. Hu minnu li mill-provi rrizulta li fil-perjodu in kwistjoni l-appellata kienet impjegata tad-ditta Global Capital u kienet qeghda tistudja u taghmel ezamijiet. Tali fatt ma jeskludix li kienet qeghda tbati mill-kundizzjoni li tissemma fic-certifikat mediku ta' Dr Zarb. Tfajla li tiffirma kuntratt bhal dak li ffirmat l-appellata, xorta trid tkompli tahdem u bl-attivitajiet l-ohra tal-hajja.

4. Il-qorti hi tal-fehma li meta tqies il-provi li ressqu l-partijiet, l-ewwel qorti setghet tikkonkludi li dak li gara lill-appellata kien:

   i. Straordinarju, fis-sens li sehhet xi haga anomala cjoe' l-kundizzjoni deskritta fic-certifikat mediku ta' Dr Zarb;
   ii. Imprevedibbli. Ma rrizultax li l-appellati kellha xi storja medika li tbati minn depressjoni;

   Dan iwassal sabiex il-kundizzjoni li zviluppat l-appellata kienet tikkwalifika bhala forza magguri.

5. Irrizulta li l-appellata tat ic-certifikat mediku lill-appellanti. Min-naha taghhom jidher li baqghu passivi, fis-sens li m'hemmx prova li talbuha tatihom il-kunsens taghha biex jitkellmu ma' Dr Zarb u lanqas ma talbu lill-appellata biex tigi ezaminata minn tabib iehor. L-appellanti Rossi stess qalet: *"Jiena rcevejt ic-certifikat u waqaft hemm…."* (fol. 14). Kieku riedu, l-appellanti kellhom kull opportunita' li fiz-zmien opportun jiehdu passi biex jaccertaw ruhhom li l-verzjoni tal-appellata kienet genwina.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.